MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2132/2002

**U.C.I.M Company Limited**

**Vs**

**Jane Gafa' u zewgha Paul Gafa'**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm830.00c (tmien mija u tletin lira Maltin) rappresentanti import ta' ghaxar kambjali, wahda ta' Lm20.00c (ghoxrin lira Maltin) (bilanc) u disgha ta' Lm90.00c (disghin lira Maltin) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-Avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Settembru 2002 jammontaw ghal Lm24.00c (erbgha u ghoxrin lira Maltin), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament

effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Mejju 2002, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fit-28 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba attrici ghal Lm651.00c (sitt mija u wiehed u hamsin lira Maltin) stante hlas tas-somma ta’ Lm179.00c (mija u disgha u sebghin lira Maltin) fil-mori tal-kawza.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fid-19 ta’ Mejju, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici regghet irriduciet it-talba attrici ghal Lm326.00c (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) stante hlas tas-somma ta Lm325.00c (tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) fil-mori tal-kawza.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, ghal ammont ta’ Lm326.00c (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) bl-imghax mis-16 ta’ April, 2003 u bl-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------